MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1753/1998/1

**Sharon Bezzina**

**vs**

**Richard Bezzina**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-Parocca ta' Ta' Xbiex fid-29 ta' Awissu 1992;

Illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, inoltre, l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-konvenut issimula l-kunsens tieghu ghal dan iz--zwieg;

Illi, ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-29 ta' Awissu 1992 huwa null u bla effett fil-Ligi;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dina il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-29 ta' Awissu 1992 huwa null u bla effett legali, u taghti dwak il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 11 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 11 u 12 tal-process;

Rat il-verbali tas-16 ta' Gunju 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-10 ta' Jannar 2000; tal-15 ta' Mejju 2000; tat-13 ta' Novembru 2000; tas-6 ta' Frar 2001 u tat-13 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tat-30 t'Awissu 2001 fejn esebixxa l-affidavit tieghu (fol 20 sa 23).

Rat il-verbali tad-19 ta' Novembru 2001 u tal-10 ta' April 2002.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-20 ta' Mejju 2002 u d-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Mejju 2002 fejn fi zmien 4 t'ijiem il-partijiet kellhom jindikaw b'nota fl-liema stadju waslu l-provi u x'baqa' bhala xhieda.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet tat-28 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghha ddikjaraw li ghalqu l-provi kollha taghhom.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Veronica Galea Debono u d-dokumenti hemm esebiti (fol 34 sa 44).

Rat il-verbali tat-2 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali infurmat lill-Qorti li prezentat ir-rapport illum stess u tat-30 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u Dr Chris Soler irrimetta ruhu ghar-rapport u nforma lill-Qorti li anke Dr Graziella Bezzina rrimettiet ruhha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Frar 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali a fol 50 sa 69.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) IL-PROVI.

Illi **l-attrici** xehedet permezz ta' affidavit taghha mmarkat u esebit bhala Dok. "SB". Hija pproduciet wkoll bhala xhieda taghha liz-ziju taghha Carmelo sive Charles Busuttil li xehed *viva voce*, kif ukoll lill-ohtha Claire Esmail li wkoll xehedet *viva voce*. Il-konvenut xehed permezz ta'

affidavit tieghu mmarkat u esebit bhala Dok. "RB1". Huwa xehed ukoll in kontroezami.

Illi meta xehed **Carmelo sive Charles Busuttil** waqt seduta li saret huwa xehed testwalment hekk:-

*"'L-attrici tigi n-neputija tieghi. Jiena ftit li xejn naf dwar ir-relazzjoni bejn il-partijiet waqt l-gherusija stante li l-attrici kienet riservata hafna u zzomm kollox ghaliha".*

*"Hemm pero` okkazzjoni partikolari li niftakar u dana gara wara z-zwieg tal-partijiet. Ohti li tigi omm l-attrici kienet cemplitli darba tard filghaxija u talbitni mmur ghandha u hemmhekk sibt lil l-attrici fi stat ta' anzjeta stante li kienet ghadha kif iggieldet ma zewgha. Jiena wara ftit ghalhekk mort ghand il-konvenut sabiex nghidlu li l-attrici kienet f'dak l-istat u nghidlu sabiex jigi jiehu hsiebha. Jien mort ghalih fid-dar taghhom. Meta wasalt domt hafna nhabbat u ncempel mal-bieb u wara ftit zmien mhux hazin tfacca liebes u qalli li kien rieqed. Jien ghidltu li Sharon kienet fi stat hazin u hu deher illi lanqas kien jimpurtah. Fl-ahhar wieghdni li jigi ghand Sharon tant kemm domt ninsisti".*

*"Sharon niftakar li dejjem kellha l-intenzjoni li tizzewweg u dejjem xtaqet it-tfal. Il-konvenut mieghi qatt ma lmenta dwar xi sitwazzjoni finanzjarja difficli tieghu. Wara z-zwieg qatt xi parti minnhom ma taghtni l-impressjoni li kienu qeghdin f'sitwazzjoni finanzjarja difficli. Jiena anzi kelli l-impressjoni li kellhom sitwazzjoni finanzjarja tajba ghax il-konvenut kellu karozzi lussuzi"*.

Illi meta xehedet **Claire Esmail** waqt seduta li saret hija xehedet testwalment hekk:-

*"Jiena nigi oht l-attrici. Il-partijiet kellhom eghrusija twila u fil-bidu qatt ma kienu jsemmu zwieg jew familja u dana sakemm l-attrici telqet tghix l-Italja sabiex taghti lill-kovenut cans jahseb dwar ir-relazzjoni taghhom. Sharon telqet l-Italja ghaliex x'hin bdiet tara s-snin ghaddejjin hasset li wasal iz-zmien li jizzewgu u x'hin rat illi hu donnu ma kienx interessat, iddecidiet li taghtih cans jahsibha. Il-*

*konvenut wara ftit mar warajha l-Italja u hemmhekk fil-fatt tgharsu".*

*"Meta l-konvenut mar l-Italja Sharon kienet ghamlitha cara li l-uniku mezz sabiex tigi lura kien li jrid ikun hemm pjanar ta' zwieg u familja. Wara ftit li gew lura mill-Italja qalulna li kienu ser jizzewwgu".*

*"Waqt iz-zwieg il-konvenut qatt ma lmenta mieghi dwar xi problemi finanzjarji. Anzi naf illi kien ibiddel il-karozzi tieghu u dejjem kienu ferm lussuzi. Naf illi meta Sharon kienet issemmi t-tfal hu kien jghidilha li ma xtaqx sagrificcji u rbit peress li kien ghadu zghir. Naf ukoll illi fl-ewwel sena ta' zwieg il-konvenut kien ippropona lil Sharon li jixtru yacht".*

*"Naf ukoll minn dak li qaltli l-attrici illi meta l-konvenut kien imur id-dar u jsib l-attrici tnaddaf kien isabbat u jitlaq il-barra ghax kien jghid li kieku ried jizzewweg xi wahda li tnaddaf kien isibha mill-villagg tieghu".*

*"Naf illi l-konvenut huwa ghal kollox indifferenti ghall-proceduri tal-Qorti kemm tas-separazzjoni kif ukoll dawn ta' llum, u jiena nhoss illi huwa immatur hafna"*.

**(B) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dan kif previst fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta, u, billi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien simulat u, billi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif previst fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponu kif gej:-

*"19 (1) 'B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatment, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-'*commitment*' li jikkomporta z-zwieg, u cioe` '*commitment*' li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe` li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u

kullhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … ... richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita".* (**Forum 1990. Vol. I**, part 1, pg. 72).

Illi l-kuncett tad-'*discretio judicii'* ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A. - 4 ta' Novembru 1994) gie ezaminat u studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti qablet ma dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella*

*adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. … ... Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro".* **('Il Diritto Canonico Matrimoniale' –** ***Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tad-difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u d-dmirijiet essenzjali taghha, din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura:-

Illi fil-qosor, l-attrici fl-affidavit taghha maghmul bil-lingwa Ingliza, tispjega li hija ltaqghet mal-konvenut meta kellha biss erbatax-il sena (14), waqt li hu kellu sittax-il sena (16). It-tnejn kienu ghadhom l-iskola u ghalhekk kienu jiltaqghu biss fil-*weekends*. Huma baqghu johorgu flimkien ghal tmien (8) snin u f'dan il-perjodu l-konvenut telaq mill-iskola u mar jahdem fil-business ta' missieru. Il-konvenut kien iffissat fil-karozzi sbieh u lussuzi u kien ibiddel il-karozza tieghu kull sena. L-attrici kienet tiddejjaq hafna b'dan ghaliex il-konvenut dejjem kien isib il-flus biex ibiddel il-karozza izda qatt ma kien isemmi x'kien ser jigri fil-futur bejn il-koppja w qatt ma kien isemmi il-kelma 'zwieg'.

Illi l-konvenut kien isemmi biss il-fatt li ried li l-koppja jghixu flimkien biss. Wara hafna diskussjonijiet bejniethom, l-attrici ddecidiet li titlaq u tmur l-Italja tahdem sabiex tahseb fil-futur taghha. Wara kollox skond hi, l-konvenut kien qed jikkuntenta ruhu bil-karozzi tieghu, waqt li hi kienet thossha biss accessorju tal-karozzi.

Izda wara xahar tghix l-Italja, l-konvenut gie jfittixha, w pprometta li l-attitudni tieghu kienet ser tinbidel gialadarba hija rritornat lura Malta mieghu. Hu dak il-hin qalilha li kien lest anki li jizzewweg. Fil-fatt l-attrici rritornat lura Malta, u ghall-ewwel il-konvenut deher li kien biddel l-attitudini tieghu ghaliex sahansitra biddel il-karozza 'Porsche' tieghu u hallas 'deposit' fuq 'flat' bl-istess flus. Dan il-flat wara sar id-dar konjugali tal-koppja.

Peress illi l-attrici ma kienitx temmen li ghandhom jghixu flimkien qabel ma jizzewgu, hija insistiet li jizzewgu. Sakemm izzewgu, l-attrici tispjega li l-konvenut kellu attitudini pjuttost indifferenti ghat-tfal. Meta kienu jiltaqghu ma xi koppja ta' hbieb taghhom li kellhom it-tfal, huwa kien imaqdarhom talli kienu hlew l-isbah snin ta' hajjithom bit-tfal. Huwa qatt ma kien juri xi entuzjazmu ghat-tfal. L-attrici kienet ftit inkwetata b'dan il-fatt, pero' hasbet li jista' jkun li l-attur kien ihossu hekk ghaliex it-tfal ma kienux tieghu.

Illi l-problemi serji bdew hekk kif izzewwgu, u fil-fatt l-attrici tixhed li bdew biss wara xahar zwieg.  L-ewwel problema kienet wahda li tirrigwarda r-relazzjoni intima tal-koppja. Skond l-attrici, hija kienet mrobbija go familja religjuza hafna, u bi twemmin u edukazzjoni differenti minn dik tal-konvenut.  Hija kienet mrobbija bl-ideja illi l-hajja sesswali ta' koppja kienet intiza sabiex ikollhom it-tfal, u bhala att ta' mhabba bejn koppja li jinhabbu – u cioe` mezz kif koppja jesprimu l-imhabba taghhom ghal xulxin.

Illi hija ghalhekk kienet ixxokkjata meta skopriet ftit wara z-zwieg taghhom illi l-konvenut kien qieghed iqatta' l-hin tieghu tard bil-lejl jara l-*films* pornografici w jissodisfa ruhu b'dan il-mod waqt li hi kienet rieqda.

Illi skond hi, l-konvenut kien jinterpreta s-sess b'mod totalment differenti ghal dak li kienet temmen hi.  Is-sess ghalih kien mezz ta' pjacir individwali u *'self-fulfillment'*.

Illi hija hasset ruhha offiza kemm bhala mara kif ukoll bhala martu bl-atteggjament tieghu w ghal fatt illi kien jara dawn it-tip ta' *films*.

Illi l-attrici haditha bi kbira hafna din il-bicca xoghol, u ma setghetx tinjora u lanqas tissupera dan il-fatt.  Hija hassitha tradita specjalment peress illi l-konvenut kien l-ewwel u l-uniku ragel li qatt kellha.  Hija qatt ma kellha relazzjoni sesswali ma ragel iehor barra l-konvenut u hu kien l-uniku ragel li qatt fdat.

Illi fi kliemha stess l-attrici tghid:- *"I trusted him completely, but then after I discovered this, he repelled me.  All of a sudden he was a complete stranger to me".*

Illi skond hi, l-konvenut bl-ebda mod ma seta' jifimha u kien jghid illi hija kienet qed taghmel ghageb u kienet 'marida f'mohha' ghaliex l-irgiel kollha li kienu attivi sesswalment kienu jaghmlu hekk.  Huwa kien jghidilha li l-atteggjament taghha ghal dan il-fatt kien kollu tort tal-familja taghha u tat-trobbija taghha.

Illi l-affarijiet marru mill-hazin ghal-ghar, u l-attrici tant haditha bi kbira li kienet thossha distratta fix-xoghol u mwegga hafna. Saret '*depressed'* hafna u bdiet thoss illi l-holma taghha li jkollha l-familja li dejjem xtaqet kienet tfarket bicciet. Ma setghet titkellem ma hadd dwar il-problemi li kellha ghaliex kienet tisthi.

Illi meta l-konvenut kien isibha taghmel il-facendi god-dar kien jibda jghajjarha u jghidilha li kienet qed issir mara tad-dar tipika, u li ma xtaqtx dik it-tip ta' mara. Kien jghid ukoll illi kieku xtaq mara tad-dar kien jizzewweg mara mill-villagg tieghu.

Illi l-attrici spiccat l-isptar f'diversi okkazzjonijiet tbaghti minn '*depression'*. Kienet tilfet hafna mill-piz taghha. Kull darba li kienu jispiccaw jiggieldu, l-attrici kienet tispicca tibki w l-konvenut kien jissakkar gol-kamra tas-sodda, waqt li hi kienet tispicca torqod fuq is-sufan. Darba minnhom bil-lejl qabdet u mxiet mid-dar taghhom go San Pawl il-Bahar ghad-dar tal-genituri taghha fl-Imsida. Meta waslet hassitha hazin u kellhom igibulha t-tabib. Meta z-ziju taghha mar jghid lill-konvenut x'kien gara, dan ta' l-ahhar kien rieqed u dam nofs siegha sakemm fl-ahhar fetah il-bieb. Lanqas kien induna li l-attrici kienet telqet minn hemm.

Illi rigward il-kwistjoni tat-tfal, l-attrici xehedet illi l-konvenut kien qieghed jinnegalha l-haga li l-izjed xtaqet – u cioe` tfal. Skond hi, l-konvenut ma riedx tfal ghaliex kien jghid li dawn kienu jbidlulhom hajjithom. Il-konvenut kien jemmen li finanzjarjament l-koppja ma kienux jifilhu l-piz tat-tfal, u baqa' jinsisti li ma kellux hin bizzejjed biex jiddedika ghat-tfal.

Illi l-attrici pero' ma taqbel xejn ma dan ghaliex skond hi, l-koppja kienu finanzjarjament stabbli specjalment meta l-unika problema ghall-konvenut kienet meta seta' jbiddel l-'Alfa Spider' li kellu ghal 'Porsche'. Wara kollox skond hi, l-attrici kienet tahdem go bank, waqt li l-konvenut kien direttur tan-negozju tal-familja, kienu jghixu go dar sabiha, u t-tnejn kienu jsuqu *'sports cars'* sbieh hafna.

Illi meta darba azzardat issaqsih meta kien ser ikun lest ghat-tfal, huwa kien qalilha li kien ikun lest ghalihom fil-futur meta il-*business* kien ikun kbir bizzejjed li ma jkollux imur ghax-xoghol u jkollu bizzejjed impjegati biex jaghmlu xogholu. F'dak il-perjodu huwa diga kellu madwar ghaxra sa hmistax il-impjegat jahdmu mieghu!

Illi mbaghad meta darba kien issugerixxa li jixtru *'sailing boat'*, l-attrici ma setghetx taccetta izjed is-sitwazzjoni. Il-konvenut kien diga ghamel mezz kif l-introjtu tal-koppja tkun diviza sabiex hu jkompli jixtri l-karozzi waqt li hi tixtri l-affarijiet ghad-dar bl-ghajnuna tal-familja taghha.

Illi z-zwieg taghhom dam biss sena b'kollox, u meta l-attrici telqet, hi halliet kollox warajha u ma riedet xejn minghand il-konvenut. Riedet biss terga' ssib il-paci w l-mistrieh u riedet biss tispera f'futur ahjar, u li forsi xi darba jkollha l-familja li dejjem xtaqet, waqt li kienet ghadha zghira. Wara dan, il-konvenut rega' xtara l-Porsche, u beda jsiefer go pajjizi ezotici bhalma huma Cuba u l-Amerka.

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu jikkonferma li l-partijiet kienu ltaqghu meta kienu ghadhom zghar hafna, u li effettivament ghamlu sena biss jghixu flimkien bhala mizzewgin. Fi kliemu stess, pjuttost cari u precizi huwa jghid testwalment hekk:-

*"Nikkonferma li tul l-gherusija tieghi ma' Sharon u waqt iz-zmien li dommna mizzewgin jien ma ridtx tfal ghal bosta ragunijiet. Fosthom kien hemm li ma hassejtnix preparat biex inrabbi t-tfal. Ma kontx matur bizzejjed. Jista' jkun ukoll li kont ftit egoist ghax ridt nghix il-hajja u ngawdi ftit qabel ma nintrabat bit-tfal. Ma ridtx nintriga b'certu pressjonijiet li ma hassejtx li stajt naffaccja. Apparti dan, ma hassejtx li konna komdi bizzejjed finanzjarjament biex inrabbu t-tfal. Sharon tallega li billi kont direttur ta' kumpanija stajt naffordja kollox. Pero' l-verita' hi ferm differenti. Jien kull ma kelli kienet bicca paga normali. Missieri kien u ghadu l-proprjetarju tal-kumpanija in kwistjoni. Il-karozzi lussuzi li Sharon issemmi huma karozzi 'second hand' li jien gieli xtrajt b'prezzijiet tajbin*

*hafna biex imbaghad nipprova nirranghom u eventwalment nbieghhom kif gieli ghamilt. Ghalhekk ma hassejtnix li finanzjarjament stajt naffordja li nrabbi t-tfal. Ma ninsewx li kellna 'loan' sostanzjali mal-bank biex xtrajna d-dar".*

*"Lanqas kont emozjonalment preparat biex ikolli t-tfal. Kiem hemm hafna affarijiet li ridt naghmel qabel ma jkolli t-tfal izda Sharon riditħom mill-ewwel. Dak iz-zmien kont inhares lejn it-tfal bhala sikkatura. Sharon min-naha l-ohra qabditha ferh ta' genn li jkollha t-tfal. Konna nillitikaw hafna fuq dan is-suggett".*

*"Apparti dan kollu, ghandi nghid li minhabba l-glied kollu, forsi psikologikament iktar webbist rasi biex ma jkollniex tfal ghax ma ridtx li eventwalment, kieku kellna nisseparaw (bhalma fil-fatt ghamilna) it-tfal ibaghtu".*

*"Nikkonferma wkoll li meta nhares lura forsi kont daqsxejn immatur u forsi nammetti li ma kontx preparat bizzejjed ghaz-zwieg. Ma kontx lest li ncahhad lili nnifsi minn affarijiet ghaz-zwieg. Ma kontx fhimt ezattament il-kuncett taz-zwieg. Ma apprezzajtx li fiz-zwieg hija sitwazzjoni ta' 'give and take'. Forsi kont daqsxejn egoist izzejjed. Pero', Sharon m'ghamlitx l-affarijiet facli ghalija lanqas. Qatt ma ppruvat tifhimni. Qatt ma poggejna flimkien biex niddiskutu l-affarijiet importanti. Sharon kienet tkun dejjem 'depressed' jew bil-geddum jew irrabbjata mieghi. Fil-fatt, nistqarr li tul l-gherusija tieghi u waqt iz-zwieg kont taht il-minaccja kontinwa li jekk ma naghmlux ezattament kif trid hi, taqbad u titlaq minn Malta biex tmur l-Italja, kif fil-fatt ghamlet … … Ma stajtx nghix izjed taht din il-minaccja u ghalhekk, fl-ahhar, meta bdiet tirrepeti li riedet tmur l-Italja hallejtha minghajr m'ghamilt wisq plejtu".*

*"Ghandi nghid ukoll li forsi meta zzewwigt ghamilt hekk mhux ghax verament kont ippreparat u ridt naghmel hekk izda ghax kont taht pressjoni kontinwa minn Sharon u mill-genituri taghha. Fil-fatt, kif tammetti Sharon stess, kienet hi li kienet dejjem taghmel pressjoni biex nizzewgu. Hi kienet tinsisti biex nizzewgu. Jien fil-verita' ma kontx lest li nizzewweg. Imbaghad meta qabdet u telqet l-Italja jista'*

*jkun li f'mument ta' debbolezza accettajt li nizzewweg. Pero' illum il-gurnata naccetta li dan kien zball min-naha tieghi. Meta nhares lura, kwazi nasal biex nghid li zzewwigt ghax ir-relazzjoni tieghi ma Sharon saret kwazi drawa".*

*"Fil-fatt, ghalkemm domna gharajjes ghal zmien twil ma nahsibx li sirna nafu lil xulxin kif suppost. Imbaghad meta zzewwigna ndunajt kemm konna differenti u kemm kellna opinjonijiet opposti hafna anke fuq kuncetti bazici tal-hajja mizzewga. Per ezempju, ghal Sharon il-kuncett kollu taz-zwieg kien li jkollha t-tfal u li taghmel il-facendi tad-dar. Dan kien il-gost taghha. Jien ridt anki ngawdi l-hajja ma Sharon".*

*"Nikkonferma li, kif stqarret Sharon stess, il-hajja sesswali ta' bejnietna wara ftit zmien kienet inezistenti. Nichad bil-qawwa li kont qatt nara l-pornos kif tallega Sharon u li kont naghmel certi affarijiet. Din mhix il-verita'. Effettivament, wara ftit zmien li zzewwigna saret evidenti f'Sharon certu bidla. Ma riditx izjed jkollha x'taqsam mieghi jekk mhux bl-iskop li jkollna t-tfal. Pero', f'dak iz-zmien ta' hajti jien ma ridtx tfal'"*.

Illi meta xehed in kontro ezami f'seduta quddiem il-perit legali, l-konvenut xehed testwalment hekk:-

*"Nirreferi ghall-affidavit tieghi u specifikament ghall-ewwel paragrafu tat-tieni pagna u niccara illi meta semmejt il-kwistjoni ta' possibilta ta' separazzjoni dana kien biss fil-kuntest tat-tfal u cioe` l-mara riedet li jkollna tfal waqt li jiena hassejtni mhux lest li nidhol ghal dik ir-responsabbilta".*

*"Meta konna gharajjes Sharon kienet marret tghix u tahdem gewwa l-Italja. Hemmhekk damet xahar. Waqt li kienet hemm Sharon kienet ghamlet pressjoni fuqi, illi sabiex terga' tinzel tghix Malta ahna kellna nizzewwgu. Il-pressjoni li saret fuqi minn Sharon kienet ukoll fil-sens illi jekk ma konniex ser nizzewwgu hi ma kienitx ser tibqa' f'din ir-relazzjoni. Jien cedejt ghal din il-pressjoni alavolja ma hassejtx illi kont lest ghaz-zwieg u lanqas hassejt li*

*kien l-ahjar zmien sabiex nizzewgu. L-istess hassejt meta Sharon riedet it-tfal, u cioe` li jiena ma kontx lest ghalihom. Dan hassejtu ghaliex konna mizzewgin biss xi sena, u xtaqt li ngawdu ftit izjed il-hajja minghajr tfal, kif ukoll hassejt illi finanzjarjament ma konniex ippreparati ghat-tfal. Meta sseparajna 'de facto' jiena kelli biss 27 sena".*

Illi fid-dawl tal-provi kollha prodotti, kif ukoll ta' dak li ghadu kif gie suespost, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut, ma kienx hejja ruhu sew ghaz-zwieg, ghal diversi ragunijiet.

Illi dan ghaliex l-konvenut jaccetta u jammetti li kien taht pressjoni kontinwa mill-attrici biex jizzewwgu. Huwa kien immatur u mhux preparat ghaz-zwieg. Huwa jaccetta li ma kienx fehem il-veru kuncett taz-zwieg la meta kienu gharajjes u lanqas wara li zzewwgu. Jammetti wkoll li kien egoist izzejjed u ma kienx lest li jcahhad lilu nniffsu mill-*'life style'* li kellu meta kien gharus u jaddatta ruhu ghall-hajja mizzewwga.

Illi huwa jispjega illi l-partijiet qatt ma ddiskutew verament dak li kienu dehlin ghalih u s-sinifikat taz-zwieg. Huwa accetta biss li jizzewweg lill-attrici f'mument ta' '*debolezza*' meta kien hemm possibilta' li jitlef l-attrici. Fil-fatt ghamel sforz biex ibiddel l-atteggjament tieghu, izda ftit li xejn irnexxielu, ghax rega' mar mill-ewwel ghal dak li kien qabel.

Illi l-konvenut isemmi wkoll illi kien spicca biex izzewweg l-attrici ghaliex ir-relazzjoni taghhom flimkien saret pjuttost *'drawwa'.* Illi din hija sitwazzjoni hija verosimili specjalment tenut kont tal-fatt li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien minn eta' ta' erbatax-il sena (14) (l-attrici) u sittax-il sena (16) (il-konvenut), u baqghu flimkien sakemm izzewwgu, hlief ghal perjodu qasir meta l-attrici marret l-Italja. L-ebda wiehed minnhom ma kellu relazzjoni ma terza persuna, w wara li jghaddi hafna zmien, koppja facilment tidhol f'rutina jew ahjar drawwa, fejn jiehdu lill-xulxin *'for granted'*, u ma jkunx facli li johorgu mis-sitwazzjoni. Skond il-konvenut, alavolja kienu

damu hafna snin gharajjes ma kienux jafu lil xulxin kif suppost, u skond il-perit legali dan juri li r-relazzjoni taghhom kienet wahda superficjali w ibbazat fuq il-fatt illi dejjem kienu flimkien u allura jibqghu flimkien. Hadd mill-partijiet ma jsemmi l-fatt li kien ihobb jew jahseb li jhobb lill-parti l-ohra. Li hemm zgur huma zewg fatturi opposti - l-attrici insistiet li tizzewweg u riedet it-tfal mill-ewwel, u l-konvenut ried igawdi l-hajja sa fejn seta'. Kif wasslu biex jizzewwgu meta kellhom idejat daqshekk differenti huwa misteru.

Illi minn dan kollu l-Qorti thoss li bil-komportament tieghu kemm qabel u wara iz-zwieg il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju fuq il-hajja mizzewga u eskluda *'a priori'* li huwa jkollu frott mill-istess zwieg, u dan gie manifestat fiz-zwieg bl-attaggjament konsistenti tal-konvenut li dejjem irrifjuta li jkollu relazzjoni intima mal-attrici sabiex ikollhom tfal, u dejjem sab mod biex jahrab minn din ir-responsabbilta' anke jekk din id-decizjoni fl-ahhar mill-ahhar kienet qed tmarrad lill-attrici u kienet il-kagun ewlieni sabiex l-istess zwieg jikkrolla.

Illi dan wkoll iwassal ghall-konkluzjoni minn din il-Qorti li l-konvenut kellu difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga stante li ghalih l-importanti kien li ma jitlifx lill-attrici ghaliex kien draha; fil-fatt accetta li jizzewweg lill-attrici fuq insistenza taghha, u kellu jweghdha li tizzewgu meta hija kissret ir-relazzjoni mieghu, ghalkemm huwa ma kienx ippreparat li jghix hajja mizzewga u l-prijoritajiet tieghu fil-fatt baqghu l-istess li kienu qabel iz-zwieg, b'mod li huwa ma accettax l-unjoni li suppost huwa kien accetta li jidhol fiha, tant li ghall-konvenut il-hajja tal-partijiet baqghet l-istess qishom qatt ma zzewgu. F'dan il-kuntest it-talbiet attrici jidher li ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** u anke tas-subartiklu **(f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, kif ser jigi wkoll muri iktar il-quddiem fl-istess sentenza

Illi dwar l-attrici il-perit legali sostniet li:-

*"l-attrici kellha holma wahda partikolari li tizzewweg u ggib it-tfal fid-dinja. S'hawnhekk kollox sew. Pero` milli jidher,*

*dan kienet lesta li taghmlu 'at all costs'. Kienet drat l-atteggjament tal-konvenut kemm lejha, kif ukoll versu l-kwistjoni tat-tfal. Kienet tilmenta minnu u kienet tinduna li kellu nuqqas ta' interess kbir fit-tfal, kif ukoll nuqqas ta' interess fiz-zwieg inniffsu. Madankollu, donnha webset rasha w baqghet tinsisti li l-partijiet jizzewwgu, w sahansitra ghamlet pressjoni fuqu – kif tammetti hi stess – f'dan is-sens. Dan huwa manifestat fil-mossa ta' l-attrici li titlaq il-konvenut u tmur l-Italja biex forsi jigi f'sensieh u jinduna xi jkun tilef, kif ukoll il-kundizzjoni li ghamlet illi kienet lesta tirritorna lura Malta biss jekk ikun lest li jizzewweg. Dan kollu juri ftit ta' atteggjament bhal dak deskritt fil-frazi 'my way or the highway!'*

*"Illi milli jidher hadet cans maz-zwieg, alavolja kienet taf l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront ta' certi kwistjonijiet, bl-attitudini li mbaghad naraw x'jigri wara. Tant hu hekk illi l-problemi kbar bdew jimmanifestaw ruhhom xahar biss wara z-zwieg".*

Illi dan wassal lill-perit legali sabiex dwar il-komportament tal-attrici tikkonkludi s-segwenti:-

*"L-esponenti thoss illi alavolja l-attrici dahlet ghaz-zwieg bi principji gusti u cioe` li tikkreja nukleju familjari u ggib it-tfal fid-dinja, missha ndunat li r-relazzjoni taghha mal-konvenut ma kienitx sejra fid-direzzjoni gusta ferm qabel iz-zwieg".*

*"Illi mehud dan kollu in konsiderazzjoni, xorta wahda l-esponenti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi l-kunsens ta' l-attrici kien b'xi mod vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha".*

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-perit legali fil-fehma li ghar-raguniiet li ghadhom kif gew elenkati, z-zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett a bazi ta' dan l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi rigward l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255** tal-**Ligijiet ta' Malta** citat mill-attrici fic-citazzjoni minnha pprezentata, dan l-Artikolu jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (`*colorem habens, substantiam vero nullam'*) kif ukoll dak parzjali (`*colorem habens, substantiam vero alteram'*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, (P.A. (N.A.) 31 ta' Jannar 1996), u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"**, (P.A. 14 ta' Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att posittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. - 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912) "*a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe`' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero` bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cioe` ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost

li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kaz **'Bonnici vs Bonnici'** (P.A 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jigi ppruvat li *l-'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza "**Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. 22 ta Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Mbaghad fil-kaz **"Galea vs Walsh"** (P.A. (N.A. 30 ta' Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *'meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*.' Fil-kaz "**Muscat vs Borg Grech"** (P.A. (NA) 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cioe` ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (P.A. (N.A. 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **"Grech vs Grech"** (P.A. - 9 ta' Ottubru 1990), u **"Aquilina vs Aquilina"** (P. A. 30 ta' Jannar 1991).

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, l-perit legali kienet tal-fehma li gie ppruvat sufficjentement li

l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe` l-element essenzjali tad-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied u dan ghar-ragunijiet hawn indikati mill-istess perit legali u cjoe':-

*"Illi l-konvenut qatt ma wera xi interess jew xi xewqa ghat-tfal qabel ma zzewweg. Dan jixduh carament kemm hu stess, kif ukoll l-attrici. Qatt pero` ma ddikjara li ma kienx bi hsiebu jkollu t-tfal wara z-zwieg. Huwa car hafna pero` li dan in-nuqqas ta' interess zviluppa ferm izjed wara z-zwieg. Wara z-zwieg meta l-attrici kkonfrontat lill-konvenut fuq il-kwistjoni tat-tfal, dan ghamilha cara li ma riedx tfal, li dawn kienu sikkatura w li ma kienx bi hsiebu jbiddel hajtu ghalihom. Ghalhekk mbaghad sar evidenti li dak in-nuqqas ta' interess u indifferenza li kien juri l-konvenut fil-konfront tat-tfal, kien ikkonsolida ruhu f'ideja cara li ma kienx bi hsiebu jkollu t-tfal".*

*"Illi apparti dan, l-iskuza li finanzjarjament il-koppja ma kienitx stabbli bizzejjed biex ikollha t-tfal, skond kif kien jghid il-konvenut, kienet ghal kollox infondata. Dan kwazi kwazi jammettiha l-konvenut stess meta jiskarta din l-iskuza u jixhed car daqs il-kristall illi ma kellux intenzjoni li jkollu t-tfal. Jidher car ukoll li din id-decizjoni, l-konvenut kien hadha anki qabel iz-zwieg izda ovvjament harget cara wara z-zwieg, u ghalhekk il-kunsens tal-konvenut anki f'dan is-sens kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga".*

*"Illi ghalhekk, l-esponenti hija tal-fehma illi ghar-raguniiet li ghadhom kif gew kkunsidrati, z-zwieg ghandu wkoll jigi ddikjarat null u bla effett a bazi ta' dan l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-**konvenut**".*

Illi l-Qorti taqbel perfettament mal-premess u fil-kuntest tal-esklussjoni tal-prokrejazzjoni tal-ulied tirreferi ghas-sentenzi **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002) u **"Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi"** (P.A. (RCP) 7 ta' Jannar 2003) u ghall-principji hemm enuncjati u wkoll ghal dak gja ddikjarat fuq l-istess

iktar il-fuq f'din is-sentenza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-29 ta' Awissu 1992 huwa null u bla effett legali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**